Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 23 ta' Novembru 2026
(OR. en)

16245/26
ADD 1

EF 306
ECOFIN 1515
DELACT 180
ECB

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2026) 7883 annex
Suġġett:	ANNESS tar- REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw ir-rekwiżiti dwar it-trasparenza tal-marġni u l-għodda ta' simulazzjoni tal-marġni mill-kontropartijiet ċentrali u dwar it-trasparenza tal-marġni u s-simulazzjonijiet tal-marġni mill-fornituri ta' servizzi tal-ikklerjar

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2026) 7883 annex.

Mehmuż: C(2026) 7883 annex

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 10.11.2026
C(2026) 7883 final

ANNEX

ANNESS

tar-

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw ir-rekwiżiti dwar it-trasparenza tal-marġni u l-għodda ta' simulazzjoni tal-marġni mill-kontropartijiet ċentrali u dwar it-trasparenza tal-marġni u s-simulazzjonijiet tal-marġni mill-fornituri ta' servizzi tal-ikklerjar

ANNESS

Rekwiżiti għax-xenarji ta' stress tas-suq għall-għodda tas-CCP għas-simulazzjoni tal-marġni

Ix-xenarji tal-għodda ta' simulazzjoni tas-CCP imsemmija fl-Artikolu 5(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (b), għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha li ġejjin:

(a) għandhom jitfasslu b'tali mod li jkollhom l-impatti li ġejjin fuq il-mudelli tal-marġni inizjali:

(i) jirriżultaw f'bidliet fl-ammonti tal-marġni inizjali minħabba bidliet fil-kundizzjonijiet tas-suq;

(i) jinkludu perjodi xierqa ta' stress li jaffettwaw il-volatilità tas-suq u l-korrelazzjonijiet bejn il-fatturi tar-riskju koperti mill-mudelli tal-marġni inizjali;

(iii) jinkludu bidla fil-livelli tal-prezzijiet tal-istrumenti kklerjati mis-CCP, li jintużaw bħala inputs għall-kalkolu tal-marġni inizjali;

(iv) jistgħu jinkludu impatti fuq riskji u komponenti oħra tal-marġni, bħal dawk dovuti għal żieda fil-kostijiet tal-likwidazzjoni jew għal tnaqqis fil-kalkolu tal-marġni fil-livell tal-portafoll;

(b) fir-rigward tax-xenarji storiċi, għandhom jinkludu avvenimenti ewlenin ta' stress fil-passat li jkollhom l-akbar impatt fuq il-portafolli tal-membri tal-ikklerjar u li jkunu l-aktar rilevanti għall-klassijiet tal-assi li s-CCP twettaq l-ikklerjar tagħhom;

(c) fir-rigward ta' xenarji ipotetiċi, dawn għandhom jitfasslu b'mod li jenfasizzaw il-ħtiġijiet ta' likwidità tal-membri tal-ikklerjar.